# Tribunal Industrijali

## Decizjoni nru : 2759

Kaz nru : 3750/ET

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Ashleigh Pandurov (K.I. 0030700L)

u

S&M (Marketing) Company Ltd.

Illum : 16 ta' Settembru, 2021

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat mill-avukat Dr David Gatt fit-23 ta' April 2019 f'isem ir-rikorrenti li ddikjarat kif gej.

Illi r-rikorrenti bdiet l-impjieg taghha fid-29 ta' Jannar, 2018, bhala segretarja fuq bazi full time b'kuntratt indefinit.

Illi r-rikorrenti harget tqila f'Awissu 2018. Fit- 22 ta' Frar 2019, meta r-rikorrenti kellha sitt (6) xhur tqala, kienet certifikata ma tiflahx ghal-tlett (3) ijiem u baghatet ic-certifikat tat-tabib taghha lis-socjeta' ntimata permezz ta' zewgha Darko Pandurov. Dan tah lill-imghallem taghha u direttur tas-socjeta' ntimata s- Sur Mark Bezzina.

Gara li waqt is-*sick leave*, r-rikorrenti kellha bzonn tmur il-klinika fejn ipoggi t-tabib taghha Dr Ray Fenech gewwa Hal-Qormi u xi hadd irraportha lis-Sur Mark Bezzina li kienet barra min darha. Meta r-rikorrenti dahlet lura ghax-xoghol mar fuqha s-Sur Mark Bezzina u b'arroganza qallha li tista ma tersaqx iktar lejn ix-xoghol ghax habib tieghu ra barra Hal-Qormi.

Illi s- socjeta' ntimata nizlet *'dismissed due disciplinary reasons'* fuq it-*termination form* tal-Jobs Plus u r-rikorrenti tenniet li ma kienetx iffirmata minnha izda allegat li s-socjeta' ghamlet firma falza taghha 'AP'.

Ir-rikorrenti kkonkludit id-dikjarazzjoni taghha billi sostniet li t-tkeccija kienet ibbazata biss fuq tqala materna li tikkostitwixxi ksur lampanti tad -drittijiet tal-haddiema femminili b'mod gravi.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal jordna lis-socjeta' ntimata thallas kumpens xieraq ghat-tkeccija ngusta.

Fid-dikjarazzjoni taghha, is-socjta ntimata, permezz ta l-Avukat Dr Pio M Valletta ddikjarat kif gej.

Illi r-rikorrenti naqset mill-obbligi statutorji u kuntrattwali taghha versu s-socjeta' ntimata meta r-rikorrenti kienet bis-sick leave u ghazlet li tohrog biex taghmel il-qadi taghha.

Illi b'kumbinazzjoni d-direttur tas-socjeta' ntimata s-sur Mark Bezzina sar jaf li r-rikorrenti kienet harget u marret tirrinova l-*insurance* tal-karozza taghha ghax kellu konversazzjoni mal-persuna li tmexxi l-agenzija tal-*insurance*. Dan kien jaf lir-rikorrenti ghax kien l-istess Mark Bezzina li kien introducijha mieghu.

Illi s-socjeta' ntimata deherilha li dan il-fatt kien jikkostitwixxi *'gross misconduct'* u ghaldaqstant hadet id-decizjoni 'estrema' ta' tkeccija li skont is-socjeta' ntimata hija gustifikata.

Illi l-formula tat-terminazzjoni ma gietx sottomessa lil Jobs Plus u mhux vera li giet ipprezentata formola b'firma falza.

Is-socjeta' ntimata tenniet tkeccija gusta ghal ragunijiet dixxiplinarji fuq abbuz ta'certifikazzjoni ta' mard u allura tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu is-Sur Mark Bezzina – Direttur tas-Socjeta' ntimata, Is-Sur Joseph Saliba- Jobs Plus u r-rikorrenti. Gew esebiti ukoll xi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u decizjoni</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti kinitx wahda gusta wara li dehret barra.

Il-fatti juru li r-rikorrenti, li kienet bi tqala ta' sitt xhur meta gara l-kaz, marret ghand it-tabib tal-familja ghax hassitha ma tiflahx. Is-socjeta' ntimata ma tipprovidx servizz ta' tabib ghall-haddiema taghha u t-tabib tar-rikorrenti jara biss pazjenti fil-klinika tieghu. Din giet iccertifikata ghal-tlett ijiem *sick leave.* Jidher li matul is-sick leave ir-rikorrenti kellha terga bzonn tmur il-klinika ( dardir). Faccata tal-klinika tat-tabib Ray Fenech hemm l-ufficcju ta' l-agenzija ta' fejn kienet inxurjata l-karozza tar-rikorrenti u din qasmet it-triq biex tmur thallsaha. It-tkeccija saret fuq dan il-kaz.

Is-socjeta' ntimata tenniet li kienet tavda lir-rikorrenti izda fl-istess hin hadet id-decizjoni l-iktar estrema u keccieta hesrem waqt it-tqala.

Il-procedura dixxiplinarja attwata mis-socjeta'' ntimata skont dan it-Tribunal hija inaccettabbli. Ir-rikorrent qatt ma kellha xi forma ta' twissija u giet imkeccijja verbalment wara li marret lura ghax xoghol minghajr ma nhareg xi forma ta' *charge* u ghaldaqstant ma setghetxi tiddefendi ruha taht l-ebda forma ta'xi laqgha jew bord dixxiplinarju fejn setghet ukoll tigi rapprezentata.

It-Tribunal ma jiggustifikax li hadet l-opportunita u marret biex thallas l-*insurance* izda qatt ma jista jaqbel ma'procedura dixxiplinarja tas-socjeta' li wasslet ghat-tkeccija.

It-Tribunal ukoll innota nuqqasijiet serji mis-socjeta' ntimata riqward amministrazzjoni dubjuza fej tidhol ir-registrazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti mal-Jobs Plus.

Tkeccija mill-impjieg hija l-iktar kastig gravi u allura din trid tkun gustifikata nkluz il-mod procedurali u l-livell tal-gravita' relatata.

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi fuq nuqqas ta' ragunijiet tajba u sufficjenti skont il-Ligi u ghaldaqstant fuq tkeccija ngusta.

It- Tribunal jaghraf lok ta' kumpens ghar-rikorrenti, li jinkludi xi hlasijiet dovuti mis-socjeta' ntimata. Dan qed jigi stabbilit fl-ammont ta' tmien t'elef ewro ( €8,000) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erba' u disghin ewro (€94).

B'hekk tintemm din il-kwistjont tax-xoghol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**